Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2023/2066(INI)

8.6.2023

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar it-tnaqqis tal-ugwaljanzi u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali fi żminijiet ta' kriżi għat-tfal u l-familji tagħhom
(2023/2066(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ewa Kopacz

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Josserva li d-disparitajiet madwar l-UE ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u ż-żieda attwali fl-għoli tal-ħajja u affettwaw b'mod negattiv lit-tfal u lill-familji tagħhom f'termini ta' introjtu, aċċess għall-impjieg, kundizzjonijiet tal-għajxien, edukazzjoni u ħiliet u aċċess għall-kura;

2. Jinnota li, sabiex jitnaqqsu dawn l-inugwaljanzi u tiġi promossa l-inklużjoni soċjali, huwa kruċjali li jiġi appoġġat l-aċċess tan-nisa għall-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal, il-kondiviżjoni ugwali tal-indukrar tat-tfal bejn il-ġenituri u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol favur il-familja;

3. Jilqa' l-istrateġija tal-UE dwar il-kura u r-reviżjoni tal-miri ta' Barċellona dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal bħala xprunaturi ewlenin tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol[1];

4. Jisħaq li l-indirizzar tad-disparitajiet bejn il-ġeneri għandu impatt pożittiv fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-inklużjoni soċjali u li d-disponibbiltà tal-indukrar tat-tfal, tal-kura soċjali u tas-servizzi domestiċi hija kruċjali;

5. Jirrimarka l-importanza tal-edukazzjoni għall-bniet u n-nisa bħala fattur fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri;

6. Ifakkar li ħafna rifuġjati nisa Ukreni li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni jgħixu fi Stati Membri differenti u għandhom ħtiġijiet speċifiċi relatati mal-indukrar tat-tfal li jeħtieġ li jiġu indirizzati sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol;

7. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-inugwaljanzi li jikkonċernaw l-aċċess tan-nisa għas-suq tax-xogħol;

8. Jappella lill-Istati Membri jpoġġu l-kura fiċ-ċentru tal-politiki tagħhom u jiggarantixxu aċċess f'waqtu u ugwali għal servizzi ta' kura ta' kwalità, filwaqt li jagħmlu użu effiċjenti mill-għodod u l-fondi disponibbli tal-UE f'dan il-qasam.

[1] L-Eurostat: Fl-2021 fl-UE-27, 27,9 % tan-nisa ta' bejn il-25 u d-49 sena barra mill-forza tax-xogħol indikaw li l-kura tat-tfal jew tal-adulti fil-bżonn għall-kura kienet ir-raġuni ewlenija tagħhom għaliex ma fittxewx impjieg.